MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2004

Numru 3/2004

Wara r-rikors ta' Carmel u Helen, konjugi Galea, tat-28 ta' April, 2004 taht l-Artikolu 541(3) tal-Kodici Kriminali fl-ismijiet:

**Carmel u Helen konjugi Galea**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment[1] in segwitu ghal rikors maghmul minn Carmel u Helen konjugi Galea fit-28 ta' April, 2004 li

---

[1] Dan jidher li hu t-tielet kaz ta' "appell" fit-termini ta' l-Artikolu 541(3) tal-Kodici Kriminali minn mindu din id-dsposizzjoni giet introdotta fil-Kodici Kriminali bl-Att III tas-sena 2002. Iz-zewg kazijiet l-ohra kienu ***Stefan Xuereb v. Kummissarju tal-Pulizija*** u ***Joseph Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija***, decizi minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar, 2003 u fit-3 ta' Novembru, 2003 rispettivament. L-Artikolu 541(3) jipprovi hekk: ***"Kull decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li tippermetti, ghal kollox jew biss f'parti, rikors taht is-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lill-Avukat Generali fi zmien jumejn tax-xoghol mid-data tad-decizjoni u l-Avukat generali jista' fi zmien sebat ijiem tax-xoghol minn notifika jaghmel rikors fil-Qorti Kriminali ghat-thassir jew bdil tad-decizjoni. Ir-***

permezz tieghu qed jitolbu li dina l-Qorti tvarja d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' April, 2004. Permezz ta' din l-imsemmija decizjoni dik il-qorti kienet laqghet it-talba[2] ta' l-istess konjugi Galea u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jipprocedi kriminalment kontra Joseph Fenech ghar-reat ta' truffa (Art. 308, Kap. 9) a dannu tal-imsemmija konjugi Galea, izda cahdet il-kumplament tat-talba ta' l-istess konjugi Galea sabiex jittiehdu proceduri kriminali fit-termini tal-Artikoli 138 u 308 tal-Kodici Kriminali kontra mart l-imsemmi Fenech[3], kontra Josef Grech u martu, kontra Matthew Pace u martu, kif ukoll kontra n-Nutar Dott. Pierre Falzon.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri gew riassunti mill-Qorti tal-Magistrati fid-decizjoni taghha tal-21 ta' April, 2004:

**"Illi fit-8 ta' Frar, 2001 Salvatore Lauron kien iffirma konvenju [4] mal-konjugi Fenech, Grech u Pace sabiex ibiegh u jitrasferixxi lilhom porzjon art bil-benefikati fil-limiti ta' Burmarrad versu numru ta' kundizzjonijiet fosthom il-prezz ta' tlieta w ghoxrin elf lira maltin u ta' cens annwu u perpetwu ta' mija u hamsin lira maltin [5].**

**"Fil-11 ta' April, 2001 b'konvenju redatt u ffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku Pierre Falzon il-konjugi Fenech, Grech u Pace solidament bejniethom intrabtu li jbieghu lir-rikorrenti [6] dak li kienu xtraw minghand**

***rikorrent jista' wkoll jaghmel rikors bhal dak fil-Qorti Kriminali fi zmien sebat ijiem tax-xoghol mid-data tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li biha ma jkunx intlaqa' r-rikors, sew ghal kollox sew biss f'parti minnu. Rikors fil-Qorti Kriminali taht dan is-subartikolu ghandu jkollu effett ta' waqfien ta' esekuzzjoni tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati."***

[2] Migjuba permezz ta' rikors datat 8 ta' Jannar, 2003.

[3] Mart Joseph Fenech hija indikata kemm fil-kwerela originali kif ukoll fil-kuntratti ezibiti, bhala li jisimha Beatrice, izda jidher li fil-fatt jisimha Concetta (Connie) – ara r-rikors ta' l-istess konjugi Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Jannar, 2003.

[4] Quddiem in-Nutar Dott. Pierre Falzon.

[5] Bid-dovut rigward jidher li l-ewwel qorti ma qratx sew l-iskrittura tat-8 ta' Frar, 2001, ezibita a fol. 77 ta' l-atti. F'dik l-iskrittura jinghad li l-art hija soggetta "ghac-cens annuwu u perpetwu ta' Lm1.52", cioe` lira u tnejn u hamsin centezmu, u mhux mija u hamsin lira. Is-somma ta' Lm1.52 tikkorrispondi mal-figura li tidher fil-kopja ta' l-ircevuta mahruga mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, fol. 133, u li titkellem dwar "Cens Budaq ta' Qala".

[6] Cioe` lill-konjugi Galea.

**Salvatore Lauron [7] u cioe` art fil-limiti ta' Burmarrad kif deskritt fil-konvenju esebit a fol. 107 tal-atti markat bhala dokument ST, skond il-kundizzjonijiet u pattijiet hemm imsemmija fosthom il-prezz ta' erbghin elf lira maltin (Lm40,000). Illi dakinhar tal-konvenju l-kumpraturi hallsu s-somma ta' erbat elef lira maltin (Lm4,000) akkont tal-prezz u sussegwentement l-istess kumpraturi hallsu sittax-il elf lira maltin (Lm16,000) ohra lill-vendituri b'mod partikolari lil Joseph Fenech bl-isperanza li jsir il-kuntratt finali.**

**"Gara, pero`, li r-rikorrenti saru jafu mill-venditur Matthew Pace li l-proprjeta` ma setghetx tinbiegh ghaliex kien hemm xi impediment legali [8] u ghalhekk kien lest li jirrifondi lura d-depositu li kien sar fl-ammont ta' Lm4,000.**

**"Fis-27 ta' Lulju, 2001 il-partijiet [Joseph Fenech, Matthew Pace u Carmel Galea] regghu deheru lkoll quddiem in-Nutar Pierre Falzon u ffirmaw skrittura li tinsab esebita a fol. 53 immarkata bhala dokument CSH1, fejn il-vendituti ddikjaraw li t-titolu tal-fond in dizamina kien difettuz u li minhabba f'hekk il-biegh effettiv ma setax isir u ghalhekk qablu li Matthew Pace jirrifondi lura lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn u tlett mitt lira maltin (Lm2,300) li kien ha bhala sehmu mid-depozitu ta' Lm4,000, filwaqt li l-bilanc ta' sbatax-il elf u seba' mitt lira maltin (Lm 17,700) li r-rikorrenti [Galea] kienu taw lil Joseph Fenech kellhom jithallsu lura lill-istess rikorrenti mill-imsemmi Joseph Fenech. Gara, pero`, li Joseph Fenech ma onorax il-ftehim u r-rikorrenti baqghu b'xejn."**

Fil-kwerela taghhom lill-Pulizija Ezekuttiva datata 3 ta' Ottubru, 2001 – kopja tal-kwerela tinsab ezibita mar-rikors originali promotur ta' dawn il-proceduri, ossia mar-rikors tac-"challenge" li l-konjugi Galea ppresentaw quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Jannar, 2003 – il-

[7] Proprjament, dak li kienu intrabtu li jixtru minghand Lauron.

[8] Il-proprjeta` rrisulta li kienet tal-Gvern u kienet ghand Lauron bi qbiela u mhux b'cens perpetwu, kif hemm indikat fl-ewwel konvenju, cioe` dak tat-8 ta' Frar, 2001, kif ukoll fit-tieni konvenju tal-11 ta' April, 2001.

konjugi Galea allegaw li Fenech, Grech u Pace (u n-nisa rispettivi taghhom) kif ukoll in-Nutar Falzon kienu kollha agixxew bi ftehim bejniethom bl-iskop li jiddefrawdawhom (cioe` li jiddefrawdaw lill-istess konjugi Galea) kif effettivament ghamlu. Infatti it-talba fl-kwerela kienet li l-Kummissarju tal-Pulizija jipprocedi kontra l-persuni hawn fuq imsemmija ***"…skond il-ligi (Art. 138 u 308 tal-Kodici Kriminali)…talli b'komplicita` doluza bejniethom holqu messa in xena, bi kliem u atti malizjuzi…"*** u ddefrawdawhom mis-somma ta' Lm20,000, li wara rrifondew minnha biss Lm2,300.

L-"appellanti" konjugi Galea ghandhom zewg aggravji, li ser jigu ezaminati *seriatim*. Qabel ma taghmel hekk din il-Qorti tosserva li hija damet xi ftit biex taghti din id-decizzjoni taghha ghax hassitha fid-dover li tezamina u taqra aktar minn darba l-process kollu sabiex ikollha idea cara u dettaljata ta' dak kollu li sehh (jew li ma sehhx) f'dan il-kaz, u kif dan kollu jirrifletti o meno fuq kull wiehed mis-seba' persuni li fil-konfront taghhom il-konjugi Galea talbu li jittiehdu proceduri kriminali. Kif inghad fid-decizjoni ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet ***Joseph Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija***, il-proceduta tac-"challenge" kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 hi, f'certu sens, procedura straordinarja, u konsegwentement anke r-rimedju kontemplat fl-imsemmija disposizzjoni – l-ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipprocedi kriminalment kontra xi hadd meta originarjament l-istess Kummissarju jkun naqas milli jaghmel hekk – huwa wkoll wiehed straordinarju. Permezz ta' l-Artikolu 541(1) l-organu Gudizjjarju jintervjeni biex igieghel l-organu Ezekuttiv jagixxi meta normalment l-azzjoni penali tispetta proprju lill-Ezekuttiv. Tali intervent, ghalhekk, jimporta oneru konsiderevli ghax il-gudikant ghandu jassigura ruhhu li verament ikun hemm kaz *prima facie* kontra dak li jkun, u mhux semplicement suspetti. Mitt suspett ma jaghmux prova. Kif inghad fil-Privy Council fil-kaz ***Shabaan Bin Hussein v. Chong Fook Kam*** [9], *"Suspicion arises at or near the starting point of an investigation of which the obtaining of* prima facie *proof is the end."*

[9] [1970] A.C. 492; [1969] 3 All E R 1626 (P.C.).

L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li l-Qorti tal-Magistrati, flok ma llimitat ruhha biex tara jekk hemmx kaz *prima facie* fil-konfront ta' wiehed jew aktar mill-persuni li l-konjugi Galea kienu qed jitolbu li jittiehdu proceduri kontra taghhom, *"spiccat ghamlet ezami dettaljat u ghamlet determinazzjoni tal-kaz"*. L-appellanti jilmentaw ukoll taht dan l-istess aggravju li l-Qorti tal-Magistrati llimitat *"…ir-responsabbilita` legali u kriminali ghal Joseph Fenech biss, u dan meta l-provi juru li hija kellha tiddeciedi xort'ohra – jigifieri, li twessa' c-cirku tal-persuni responsabbli kriminalment ghal dan l-ghemil frawdolenti ghal dawk kollha li ppartecipaw attivament fih, inkluz cioe` n-Nutar Dr. Pierre Falzon…, Josef Grech u Matthew Pace…"*. Fir-rigward tan-Nutar Falzon in partikolari, l-appellanti Galea jissenjalaw il-fatt li (1) skond xi xhieda l-imsemmi nutar kien qal, fl-okkazjoni tat-tieni konvenju, li r-ricerki kienu lesti meta fil-fatt dawn ma kienux (jew, jekk kienu lesti, kienu juru li l-art kienet tal-Gvern u moghtija bi qbiela u mhux kienet ghand Lauron b'cens perpetwu), u (2) li meta l-partijiet (ad eccezzjoni ta' Josef Grech) kienu marru ghand in-Nutar fis-27 ta' Lulju, 2001 *"…in-Nutar Falzon ippresta ruhu bhala kompartecipi billi kien direttament strumentali biex saret il-kwittanza li biha l-esponent [Galea] safa svestit mill-garanzija ta' solidarjeta`, a beneficcju ta' whud mill-indizjati u a detriment ta' l-esponenti nfushom."*

Dwar dan l-aggravju l-appellanti ghandhom ragun in parti biss, u cioe` fis-sens li huwa minnu li l-ewwel qorti jidher li ezaminat il-provi mhux biss *prima facie* izda dahlet anke biex tiddeciedi, fil-kaz ta' konflitt ta' provi, lil min temmen jew ma temminx. Infatti, f'pagna 17 tal-provvediment tal-ewwel qorti jinghad hekk:

**"Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-Artikolu 637(1) [10] tal-Kap. 9 u dan billi qieset l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandix mis-sewwa jew hiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xiehda taghhom u**

[10] Recte: 637.

**jekk ix-xiehda kienitx imsahha minn xiehda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.”**

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, hija ma kellhiex il-kompitu li tiddeciedi, b’applikazzjoni tal-principji u regoli enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, x’temmen jew lil min temmen. Il-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati f’dan il-kaz kien semplicement li tara jekk kienx hemm kaz *prima facie*, l-istess grad ta’ prova, cioe`, li l-Qorti Istruttorja hija mistennija li ssib biex tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza. Mill-banda l-ohra, pero`, biex wiehed jitkellem fuq komplicita` f’reat – f’dan il-kaz, apparti l-Artikolu 138, komplicita` fir-reat ta’ truffa – irid neccessarjament ikun hemm prova mhux biss tal-partecipazzjoni materjali izda wkoll prova tal-partecipazzjoni morali ossia tad-determinazzjoni kriminuza komuni ghall-partecipanti kollha: fi kliem iehor, prova li l-mohh ta’ kull wiehed mill-partecipanti (l-awtur jew ko-awturi u l-komplici) kien dirett ghall-kommissjoni ta’ l-istess reat. Ghalkemm bhala regola din id-determinazzjoni kriminuza komuni timporta xi forma ta’ ftehim minn qabel (prekoncert), dan mhux dejjem neccessarjament hekk, u jista’ jkun hemm kompartecipazzjoni f’reat anke minghajr il-prekoncert[11]. Prova ta’ din id-determinazzjoni kriminuza komuni tista’ tkun diretta jew tista’ tkun indizjarja. S’intendi, prova jew provi indizjarji jridu jkunu univoci biex wiehed ikun jista’ jagixxi fuqhom, u dan indipendentement mill-grad ta’ prova li jkun rikjest li jintlahaq skond in-natura tal-procedura li tkun.

Din il-Qorti, kif diga nghad, qrat il-process kollu diversi drabi, u ma tistax tghid li rriskontrat xi prova li a bazi taghha jista’ jinghad li l-konjugi Grech, il-konjugi Pace, in-Nutar Falzon u mart Joseph Fenech kienu qed jagixxu b’determinazzjoni kriminuza komuni li jiddefrawdaw lill-konjugi Galea. Riferibbilment b’mod partikolari ghan-Nutar

---

[11] Ara ***Ir-Repubblika ta’ Malta v. Meinrad Calleja*** App. Krim. 3/5/2000. Ara wkoll Antolisei, F., **Manuale di Diritto Penale – Parte Generali** Giuffre` (Milano), 1989, p. 492: ***“Un punto e` fuori discussione: per l’esistenza del*** **concursus delinquentium** ***nel diritto vigente non e` necessario che i soggetti si siano preventivamente accordati per commettere il reato. Quello che i nostri classici denominavano “previo concerto”, non e` elemento essenziale della compartecipazione delittuosa, la quale sussiste anche in caso di accordo improvviso, che si manifesti durante l’esecuzione del reato.”***

Falzon, din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel qorti li fl-operat tieghu f'din il-kwistjoni kollha huwa kien negligenti u traskurat b'mod grossolan; pero` altru tali negligenza u traskuragni, u altru determinazzjoni kriminuza, kondiviza ma' persuna jew persuni ohra, biex terza persuna tigi defrawdata. Huwa minnu li Lauron xehed (fol. 141) li meta mar (flimkien mas-sensara u ma' Fenech, Grech u Pace) ghand in-nutar biex isir l-ewwel konvenju huwa qallu lin-nutar li l-art kienet tal-Gvern u ghaddielu anke ricevuta tal-qbiela, pero` jidher li kemm in-nutar kif ukoll persuni ohra presenti fehmu li l-art kienet tal-Gvern fis-sens li Lauron kellu cens perpetwu[12], u infatti l-ircevuta titkellem dwar "Cens Budaq ta' Qala". Kwantu ghall-kliem li l-imsemmi nutar qal li "r-ricerki kienu lesti", ghalkemm hemm varjazzjonijiet fid-diversi deposizzjonijiet ta' effettivament x'intqal ezatt[13], din il-Qorti hi tal-fehma li dan il-kliem kif riportat mix-xhieda Carmel Galea[14] u l-Avukat Louis Vella[15] ma jammontax ghal prova ta' komplicita` fi truffa kif aktar 'l fuq spjegat. Kien ikun differenti li kieku rrizulta, per ezempju, li l-kliem kien fis-sens li n-nutar kien <u>ezamina</u> r-ricerki u <u>li kien qed jghid car u tond lill-partijiet li ma kien hemm ebda problema bit-titolu</u>

---

[12] Is-sensar Kostantino sive Tino Borg (fol. 146, 147): ***"Nghid li Sammy Lauron qalilhom lil dawn in-nies li l-post ma kienx tieghu. Qalilhom li kien b'cens perpetwu. Nghid li c-cens kien jithallas minn Sammy Lauron...Mistoqsi jekk il-kliem kienx kwistjoni ta' qbiela jew cens nghid li ma nafx, issa insejt…Mistoqsi jekk Matthew Pace kienx lest li jixtri r-raba' in kwistjoni meta kien suggett ghal cens perpetwu jew ghal qbiela, nghid li sa fejn naf jien cens perpetwu. Matthew kien jaf li kien hemm din il-kwistjoni ghaliex Sammy Lauron qallu quddiemi, qallu ghax kieku ma tiswiex tlieta u ghoxrin elf. Quddiemi qalilhom mill-ewwel li kien hemm qbiela...Ma nafx id-differenza bejn cens perpetwu u qbiela."*** Is-sensar l-iehor, Edgar Brownrigg (fol. 149): ***"Naf li xi cens semmew, pero` x'cens kien ma nafx. Kien in-nutar stess li semma li kien hemm xi cens."***

[13] Hekk, per ezempju, Matthew Pace, fid-deposizzjoni tieghu tat-12 ta' Novembru, 2003 (fol. 87 *et seq.*) ghalkemm l-ewwel jghid li ***"…kien hemm xi kliem bejn [Dr.] Vella u n-Nutar Falzon fis-sens li r-ricerki kienu lesti u mhux suppost li kien se jkun hemm xi problemi. Kien in-nutar fil-fatt li qalilna li r-ricerki kienu lesti…"*** aktar tard jikkwalifika d-diskors hekk: ***"Il-kliem li uza n-nutar kienux fis-sens ordna r-ricerki jew ir-ricerki kienu lesti ma nistax inwiegeb pero` naf li qal zgur serrhu raskom."*** Josef Grech, invece, xehed (fol. 94) ***"Mistoqsi x'kien hemm konversazzjoni bejn Dr. Vella u n-Nutar dakinhar nghid li ma nafx. Li naf hu li n-Nutar dakinhar kellu jibda jahdem fuq ir-ricerki. Qed nigi mistoqsi jekk effettivament meta jiena kont gejt interrogat mill-pulizija, ghidtx diskors fis-sens illi n-Nutar qal fl-ewwel inkontru li kellna li huwa kien gia` ghamel ir-ricerki jew dak li ghidt illum fis-sens li kellu jibda bir-ricerki, nghid ezattament x'kien id-diskors ma niftakarx. Dak iz-zmien kont niftakar aktar, illum m'ghadnix niftakar il-kliem."***

[14] Fol. 125: ***"In-Nutar quddiemi qal li huwa kellu r-ricerki lesti u ghalija kollox kien sew peress li n-Nutar kien qal hekk."***

[15] Fol. 30: ***"Qalli r-ricerki lesti…".***

ta’ l-art. Fl-ahharnett, kwantu ghall-kwistjoni tal-kwittanza u ta’ l-iskrittura tas-27 ta’ Lulju, 2001, Carmel Galea ghazel minn rajh li jmur ghand in-nutar minghajr l-assistenza ta’ l-avukat tieghu (probabbilment, kif tista’ tifhem din il-Qorti, minhabba li Joseph Fenech kien precedentement qal lill-istess Galea biex lill-avukat tieghu ma jdahhlux f’din il-kwistjoni ghax dan ***“…kien qieghed hemm biex [jehodlu] l-flus biss”*** [16]. L-operat ta’ l-imsemmi nutar fl-okkazjoni ta’ l-iskrittura tas-27 ta’ Lulju, 2001, anke jekk seta kien traskurat jew negligenti, ma jammontax, fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, ghal prova ta’ determinazzjoni kriminuza komuni ma’ haddiehor biex l-istess Galea jigi b’xi mod defrawdat. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta’ l-appellanti konjugi Galea hu bazkament fis-sens li galadarba l-ewwel qorti kienet tal-fehma li l-imsemmi Nutar Falzon kien agixxa b’mod traskurat u negligenti, anzi b’negligenza u traskuragni kbira, hija setghet jew kienet fid-dover li tordna li jittiehdu passi kriminali kontra l-imsemmi nutar talli *“…bi traskuragni, b’nuqqas ta’ hila u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti li jirregolaw il-professjoni Notarili, ikkaguna hsara volontarja lir-rikorrenti li wasslet ghat-telf tas-somma ta’ Lm20,000…”.* Din il-Qorti difficilment tista’ tifhem ghal liema reat qed jirreferu r-rikorrenti. Hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta’ ghemil doluz u mhux ta’ ghemil kolpuz; it-trakuragni, in-nuqqas ta’ hila u n-nuqqas tat-tharis tar-regolamenti igibu se mai bhala konsegwenza hsara involontarja. Jekk ir-rikorrenti qed jirreferu ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali – assumendo ghall-grazzja ta’ l-argument li l-“hsara” ravvizata f’din id-disposizzjoni tinkludi telf ta’ flus bhal fil-kaz in dizamina, punt, dan, li din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fih – galadarba li dan ir-reat ma kienx imsemmi fil-kwerela originali tar-rikorrenti, il-Qorti tal-Magistrati gustament anqas biss ikkunsidrat il-possibilita` ta’ azzjoni kriminali fir-rigward ta’ dan ir-reat. Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tosserva fil-

[16] Fol. 125. Fid-deposizzjoni tieghu in-Nutar Falzon ighid ukoll: ***“Meta jien ghamilt it-tieni konvenju, Galea qalli li l-avukat b’referenza ghal Dr Vella iddahlux aktar f’din il-kwistjoni”*** (fol. 100).

provvediment moghti fil-kaz ***Joseph Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija***, aktar 'l fuq imsemmi:

**"Ma hux l-iskop tal-procedura tac-*challenge* li tinfetah indagini lil hinn mir-rapport, denunzja jew kwerela…il-procedura in kwistjoni m'ghandhiex isservi bhala *a fishing expedition* biex wiehed jipprova jara x'jirrisulta mill-provi (jekk jinstemghu provi, ghax il-Qorti tal-Magistrati tista' tiddispensa mis-smigh tal-provi) biex imbghad dik il-Qorti tiddeciedi hi id-delitt li fir-rigward tieghu il-Pulizija Ezekuttiva ghandha tipprocedi. Fi kliem iehor, id-delitt li dwaru jista' jsir l-ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Artikolu 541(1) irid ikun wiehed li jkun gie predikat b'mod car fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela."**

Fil-kaz in dizamina l-unici zewg delitti predikati fil-kwerela kienu dawk kontemplati fl-Artikoli 138 u 308 tal-Kap. 9. Ghalhekk dana l-aggravju neccessarjament qieghed jigi respint.

Ghall-motivi premessi tichad it-talba tar-rikorrenti konjugi Galea kif migjuba fir-rikors taghhom tat-3 ta' Mejju, 2004 u tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' April, 2004.

Tordna n-notifika ta' dan il-provvediment lir-rikorrenti konjugi Galea u komunika immedjata ta' l-istess lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------